MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru 1345/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**VS**
**JESMOND MUSCAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Muscat ta’ 46 sena, iben Alfred u Mary nee’ Testa, imwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Marzu, 1964, residenti numru 78, St.Louis, Triq San Luqa, Pieta’ u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 188164(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar l-14 ta’ Settembru, 2010 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta’ qabel, minn gewwa l-kwartieri centrali ta’ l-HSBC Bank Malta plc., fi Triq il-Mithna, Qormi, minghajr awtorizzazzjoni;

1. Uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;
2. Ghamel *output* ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-*computer* li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun;
3. Ha pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (Dok.JM16 a fol.13) u dak ta' l-imputat (a fol.15) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datata 2 ta' Frar, 2011 (a fol.14);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Jesmond Muscat** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 337C(1)(a)(b)(f), (2)(a)(b),(3)(a)(b),(4) u 337F(1)(3)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat huwa *a first offender*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------